ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA** **IR-RELIĠJON** **Il-Ħin: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ____________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi bil-kliem li ssib fil-kaxxa t'hawn taħt.** **(10 marki)**

**Is-sentenza A hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| tal-ġenna | bil-ġustizzja | ~~mudell~~ | tal-qalb |
| ringrazzjament | il-kwalitajiet | sultan | fil-periklu |
| is-Sataniżmu | Santu Wistin | l-Iżlam | |

**A. Ġesù hu l-ogħla *mudell* tal-bniedem liberu li kapaċi jegħleb kull tfixkil.**

1. L-intelliġenza, is-sentimenti, il-karattru u t-talenti huma ______________ li jgħinuna niżviluppaw lilna nfusna u nibnu relazzjonijiet ġenwini mal-oħrajn.
2. Ix-xitan ried ifixkel lil Ġesù biex minflok isalva lilna l-bnedmin, jaqbad it-triq komda u jġib ruħu ta' ______________.
3. Min jiddispjaċih tal-ħażen li jkun għamel joqgħod attent biex, bl-għajnuna t'Alla, ma jerġax imur ______________ u jerġa' jagħmel l-istess ħażen.
4. ______________ lil Alla qallu: "Inti ħlaqtna għalik, O Alla, u qalbna ma ssibx mistrieħ jekk ma tistrieħx fik."
5. ______________ huwa l-agħar mod kif il-bniedem jista' jkasbar lil Alla.
6. F'ħajtu Ġesù mexa mal-oħrajn ______________ u bl-imħabba.
7. L-istinti tagħna jridu jkunu taħt il-gwida tal-moħħ u ______________.
8. Aħna għandna d-dmir li napprezzaw dak kollu li jagħmlu magħna l-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebna u għandna nuru lejhom sens ta' ______________.
9. Bħar-reliġjon Nisranija, ______________ jgħallem li Alla jippremja lit-tajbin u jikkastiga lill-ħżiena wara din il-ħajja.
10. Il-ħsieb ______________ għandu jimliena b'ħafna kuraġġ biex nibqgħu negħlbu t-tfixkil li niltaqgħu miegħu f'ħajjitna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**Aqra sew is-silta t'hawn taħt u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Sitt ijiem wara Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom.[2]
Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.[3]
U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù.[4]
Qabad Pietru u qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija."[5]
Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.[6]
Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."[7]
Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.[8]
Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet.[9]
Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu lil xulxin x'kien ifisser 'tqum mill-imwiet'.[10]

***(Mark 9 : 2-10)***

1. X'insejħulha din il-ġrajja li nsibu rrakkontata hawnhekk?

_______________________________________________ *(marka)*

2. Min hu l-Evanġelista li kiteb din is-silta?

_______________________________________________ *(marka)*

3. X'kien qiegħed jirrappreżenta Mosè f'din il-ġrajja?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

4. X'kien qiegħed jirrappreżenta Elija f'din il-ġrajja?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

5. Pietru kien jagħraf lil Ġesù bħala l-Imgħallem tiegħu.
   X'tista' tagħmel int f'ħajtek biex turi li Ġesù hu l-Imgħallem tiegħek?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Ta’ min kien il-leħen li nstema’ minn ġos-sħaba ?

________________________________________________

7. Il-leħen qal : "***Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu***."
   Semmi **żewġ raġunijiet** għala għandna nisimgħu lil Ġesù.

   a. ____________________________________________

   b. ____________________________________________ *(2 marki)*

8. Pietru, Ġakbu u Ġwanni kienu tlieta mill-ħbieb ta’ Ġesù.
   Semmi **żewġ modi** kif, bħala Nisrani/ja, għandek turi li tirrispetta lill-ħbieb tiegħek.

   ________________________________________________

   ________________________________________________ *(2 marki)*

9. X’tgħallimna l-Knisja dwar il-Ġenna?

   ________________________________________________

   ________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima C** **(5 marki)**

**Ikteb talba lill-Ispirtu s-Santu biex titolbu jagħtik l-għajnuna ħalli tagħżel ħbieb veri.**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** **ka)**

**Ikteb żewġ sentenzi dwar kull wieħed minn dawn il-personaġġi:**

1. Ġonatan

   a. ______________________________________________

   b. ______________________________________________ *(4 marki)*

2. Tobija

   a. ______________________________________________

   b. ______________________________________________ *(4 marki)*

3. San Pietru

   a. ______________________________________________

   b. ______________________________________________ *(4 marki)*



4. Żakkew

   a.______________________________________________

   ______________________________________________

   b.______________________________________________

   ______________________________________________ *(4 marki)*

5. Madre Tereża

   a. ______________________________________________

   b. ______________________________________________ *(4 marki)*

**Taqsima E** **(12-il marka)**

**Wieġeb.**

1. Semmi tliet allat ta' żmienna.

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

c. ______________________________________________ *(3 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Semmi tliet qaddisin li f'ħajjithom għenu lill-proxxmu tagħhom.

a. ______________________________

b. ______________________________

c. ______________________________ *(3 marki)*

3. Min kienu t-tlett iħbieb li kellu Ġesù f'Betanja.

a. ______________________________

b. ______________________________

c. ______________________________ *(3 marki)*

4. Semmi tliet kotba mit-Testment il-Ġdid.

a. ______________________________

b. ______________________________

c. ______________________________ *(3 marki)*



**Taqsima F** **(8 marki)**

**Wieġeb.**

1. Bħala żagħżugħ/a, semmi **żewġ tentazzjonijiet** li jfixkluk milli tgħix ta' Nisrani/ja.

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Għaliex Alla għandu jiġi l-ewwel f'ħajtek?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 ma

3. Għaliex il-qari tax-xorti jmur kontra l-imħabba li n-Nisrani għandu jkollu lejn Alla?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

4. Ikteb **żewġ versi** mit-Talba ta' San Franġisk.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima G** **(2 x 15-il marka = 30 marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn is-suġġetti li ġejjin u ikteb madwar 100 kelma fuq kull wieħed:**

1. Fir-raba' Kmandament Alla jitlobna biex nagħtu ġieħ lil min jieħu ħsiebna.
   Kif tista' turi rispett u mħabba lejn min jieħu ħsiebek?

2. Alla tana l-ġisem tagħna biex nesprimu s-sesswalità tagħna permezz tal-imħabba.
   Kif inti, bħala Nisrani/ja, għandek tesprimi din l-imħabba?

3. Mhux dejjem insibuha faċli li nieqfu nitolbu.
   X'importanza għandek tagħti lit-talb fil-ħajja tiegħek?

4 Marija stqarret: "Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar. Qaddis hu l-isem tiegħu."
  Kif għandha tkun ir-relazzjoni tiegħek m'Alla?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers